**IN-NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 14 - L-ERBGĦA 5 TA' MEJJU 2020**

Din il-laqgħa saret permezz ta' Zoom Cloud Meeting fil-17.05.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | Kunsillier |
| | Mark Anthony Deguara | Kunsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Ivan Gaffiero | Kunsillier |
| | Stephen Abela | Kunsillier |
| Skużati: | Dr Christopher Deguara | Viċi-Sindku |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Gloria Debono | Uffiċjal Eżekuttiv |

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-laqgħa qed tiġi trasmessa *live* fuq il-paġna ta' *Facebook.*

## 1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

1.1 Is-SE informa lill-Kunsill li kien irċieva kommunikazzjoni mingħand il-Viċi-Sindku fejn talab li jiġi skużat minn din il-laqgħa.

## 2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TL-MINUTI

2.1 Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħat numri 11, 12 u 13 bl-aħħar tnejn ikunu laqgħat b'urġenza.

2.2 Il-Minuti ġew approvati wara proposta mis-Sindku ssekondata mill-Kunsillieri Brincat u Cuomo.

2.3 Arising minn 2.3 tal-minuti preċedenti – Is-Sindku kkomunikat mad-Direttur tal-Ħarsien tal-Annimali u proponiet biex isir laqgħa virtwali flimkien mal-Kunsillier Abela. Qabel il-laqgħa s-Sindku u l-Kunsillier Abela għandhom jiddiskutu dwar tiswija tal-qtates. Il-Kunsillier Abela għandu jikkomunika mal-*cat feeders* biex jagħtuh in-numru eżatt tal-qtates li jridu jkunu msewwija sabiex ikollhom il-*vouchers.* Is-Sindku infurmat lill-Kunsillier

Abela biex jgħid lil *cat feeders* jiġu l-Kunsill għall-ikel tal-qtates. Il-Kunsillier Cuomo infurmat li se tibgħat lista lill-Kunsill bl-ismijiet tal-*cat feeders*. Il-Kunsillier Abela ppropona li l-*cat feeders* jiġu l-Kunsill jew jibgħatu imejl biex jirreġistraw.

2.4 Arising minn para. 2.4 tal-minuti preċedenti – Is-Sindku kkomunikat mal-Ministru Ian Borg rigward Vjal 21 ta' Settembru. Il-Ministru informa lis-Sindku li l-imsemmija Triq se tkun imdaħla fil-lista tas-sejħiet tal-offerti. Il-Kunsillier Brincat informa li aħjar għal issa l-Kunsill jistenna l-*batch* li jmiss qabel isir xogħol fuqha mill-Kunsill.

2.5 Kienu il-17:13 li f'dan il-ħin ingħaqad il-Kunsillier Deguara.

2.6 Il-Kunsillier Cuomo semmiet li fi Triq ix-Xbiek hemm bżonn ta' traqqiegħ maġġuri wkoll.

2.7 F'dan il-ħin il-Kunsillier Brincat talab li jkun skużat. Il-ħin kien il-17:16.

2.8 Arising minn para. 8 tal-minuti preċedenti - Is-Sindku se ssejjaħ laqgħa għal membri tas-sotto kumitat ta' 'Ġieħ in-Naxxar". Is-SE għandu jinforma lil membri bid-data u l-ħin.

2.9 Arising minn para. 9 - Is-Sindku rringrazzjat lill-Kunsillieri għax irċiviet ir-rapporti dwar il-Ħidma tal-Kunsilliera minn għand kulħadd.

3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku ppreżentat il-komunikazzjoni tagħha kif ġej:

3.2 Is-Sindku tat merħba lill-*contracts manager* is-Sur Paul Abdilla. Is-Sur Abdilla diġà beda jaħdem mal-kuntratturi u jsegwi l-andament tax-xogħlijiet tagħhom skont il-klawsoli tal-kuntratt rispettiv tagħhom.

3.3 Is-Sindku infurmat li bħalissa qed isir xogħol ta' kisi mill-ġdid ta' Triq San Pawl minn Infrastructure Malta (IM). L-ewwel pjanti li ġew preżentati għal *zebra crossing* ħdejn il-Kappella ta' San Pawl u aktar l-isfel ġew rifjutati minn Transport Malta (TM). Ir-raġuni kienet li dawn ma kinux siguri. TM ħarġu pjanti ġodda. Semmiet li hemm problema tad-drenaġġ. Kien hemm diżgwid bejn IM u Water Services Corporation (WSC). Is-Sindku infurmat lill-Ministru Ian Borg biex il-problema tiġi solvuta. WSC infurmaw lis-Sindku li din se tkun parti mill-pjan u se tissolva. Il-Kunsillier Gatt saqsa rigward jekk it-Triq hiex se ssir bil-porfido kif kien diskuss fil-laqgħa preċedenti. Is-Sindku nfurmatu li jekk il-Kunsill ikun jixtieq hekk, l-ispiża tkun tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li x-xogħol jibqa' għaddej kif ġie mifthiem minn IM minħabba li m'hemmx biżżejjed żmien biex isir il-kordinazzjoni meħtieġa.

3.4 Ir-restawr tal-Mitħna għaddej b'ritmu tajjeb. Bħalissa qed isir xogħol ta' trinka biex jgħaddu l-linji tad-dawl minn hemm filwaqt li qed jitkompla r-restawr. Se ssir il-konnessjoni tad-drenaġġ ukoll minħabba li preżentament ma hemmx.

3.5 Saret il-bankina mill-ġdid fi Triq l-Għenieq. Is-Sindku żiedet tgħid ukoll li l-imsemmija triq tixtieq iżidha fil-lista tat-toroq tat-traqqiegħ maġġuri. Is-SE informa lil Kunsill sabiex issir lista ta' dawk it-toroq li huma ta' priorità. Il-Kunsillier Spiteri qal sabiex isir survey għal dawk it-toroq fejn l-aktar li hemm priorità. Is-SE nforma li meta jkun qed isir ix-xogħol ta' traqqiegħ isiru żona, żona. Il-Kunsil qabel.

3.6 Fi Ġnien il-Ħamrija ix-xogħol għaddej b'ritmu tajjeb. Kien hemm dewmien aktar milli kien pjanat minħabba s-sitwazzjoni tal-Covid-19. Dan minħabba li l-materjal dam ma wasal kif ukoll il-ħaddiema tal-kuntrattur ma setgħux jaħdmu. Din ir-raġuni ġiet meqjusa bħala ġustifikata. Fil-ġimgħat li ġejjin se jiġu nstallati is-CCTV *cameras* kif ukoll id-dawl. Il-Kuntrattur għaddej bħalissa bil-proċess tal-*wet pour flooring*.

3.7 Is-Sindku infurmat lill-Kunsillieri dwar il-proġett tal-*Outdoor Gym*. Il-Kuntrattur ta' *Civil Works* kellu jieqaf mix-xogħol minħabba l-permessi mill-*Planning Authority.* Il-permessi meħtieġa nħarġu kollha però l-kuntrattur qed jinsisti li l-materjal kif ukoll it-*tipping fees* għolew u għalhekk l-ammont żdied b'madwar Eur 26K aktar. Il-Kunsill bħalissa għaddej b'kuntatt mal-Perit, l-Avukat kif ukoll mad-Dipartiment tal-Kuntratti biex il-Kunsill ikun jista' jieħu d-deċiżjoni skont il-liġi.

3.8 Is-Sindku infurmat lill-Kunsillieri li l-Perit qed jipprepara l-*artwork* tal-*billboard* rigward il-Ġnien tat-Triq tal-Labour biex jitwaħħal l-*billboard* kif kien miftihem fil-laqgħa preċidenti.

3.9 Is-Sindku infurmat lill-Kunsillieri li ntbgħatet korrispondenza lil-Lands Authority, TM u lill-Pulizija rigward il-kwistjoni tal-karavans. Is-Sindku tkellmet mal-Pulizija u nfurmawha li kien hemm xi wħud li telqu. Is-Sindku qrat il-korrispondenza li rċiviet mingħand TM (Appendiċi A). Hi semmiet sabiex issir diskussjoni fil-laqgħa li jmiss biex issir *bye-law*. Is-SE nforma lil Kunsillieri biex jibgħatu l-ħsibijiet tagħhom mill-aktar fis possibli. Il-Kunsilliera Cuomo qalet li taqbel mal-*bye-law* biex ma jipparkjawx f'postijiet fejn mhux suppost. Il-Kunsillier Spiteri talab li l-Kunsill jingħata l-informazzjoni neċessarja. Is-Sindku infurmat li fil-korrispondenza li qrat mingħand TM hemm l-informazzjoni kollha. Il-Kunsillier Abela ppropona li tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

3.10 Kienu 17:34 u ngħaqad il-Kunsillier Ivan Gaffiero però kellu l-*camera* mitfija.

3.11 Is-Sindku infurmat li bħalissa l-Kunsill qiegħed fil-proċess biex japplika għal fondi mill-GAL Majjistral *Measure 1 – Restoration of Assests of Artistic and Cultural Value* sabiex jiġu restawrati żewġ (2) statwi li hemm fil-Pjazza tan-Naxxar li huma San Ġużepp u l-Madonna tal-Karmnu.

3.12 Bħalissa t-traffiku qed jgħaddi minn Triq E.Bradford u s-Sindku qed ikollha l-lmenti minħabba li qed jgħaddi ħafna traffiku minn Triq Tackerey. Is-Sindku talbet lil Kunsillier Gatt biex jara l-ilmenti biex dan l-ilment jiġi diskuss fil-kumitat tal-ilmenti li jmiss u wara tiġi diskussa fil-Laqgħa tal-Kunsill li jmiss. Il-Kunsill qabel.

3.13 Is-Sindku rringrazzjat lis-Supretendent, l-Ispettur u l-Uffiċjali kollha tan-Naxxar minħabba lill-Pulizija qed tagħmel ħafna rondi fil-lokalita' tan-Naxxar bil-Pulizija pajżana.

3.14 Is-Sindku tkellmet rigward il-problema tat-tlielaq tal-muturi fil-lokalità. Hi kkomunikat mal-Ministru tat-Trasport kif ukoll mal-Ministru tas-Sigurtà. Is-Sindku ġiet infurmata li se jieħdu l-passi neċessarji.

3.15 Is-Sindku kkomunikat mal-Ministru tal-Ambjent rigward l-iskart tal-bini fi Triq John Adye. Il-Ministru tal-Ambjent informaha li se jgħin biex din il-problema tissolva. Il-Public Cleansing se jinstallaw CCTV u qed inaddfu kull skart li qed ikun hemm.

3.16 Is-Sindku rċiviet korrispondenza rigward *Light The Sky Malta.* L-attività se ssir fis-17 ta' Mejju. Il-Kunsill irid jagħżel żewġ (2) binjiet antiki biex isir dawl li jiddi fis-sema. Għal din l-attivita' mhux se jkun hemm spejjeż involuti. Is-Sindku ssuġerit li ssir mal-faċċata tal-Knisja tal-Parroċċa jew tal-Kappella ta' San Pawl. Il-Kunsillier Abela ssuġerixxa li l-post ikun il-Pjazza tan-Naxxar. Il-Kunsillier Gatt semma li minħabba li bħalissa hemm ix-xogħlijiet għaddejin fi Triq San Pawl allura l-aħjar post ikun il-Pjazza. Il-Kunsill qabel.

3.17 Is-Sindku infurmat li b'kollaborazzjoni mal-Ministru tal-Ambjent, OZO u Grech & Ellul, li huwa l-*isponsor* taż-żebgħa, bħalissa qed isir mantutenzjoni u żebgħa fuq il-bankijiet tal-lokalità.

3.18 Is-Sindku ġiet infurmata mingħand l-Inġinier u d-Direttur tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet u Infrastruttura rigward Ġnien Santa Marija tal-Anġli, Baħar iċ-Ċagħaq. Huma marru fis-sit u raw xi jrid isir rigward il-funtana. Huma infurmaw li xahar ieħor jibda x-xogħol. L-art se tinqala' kollha minħabba li hemm xi pajpijiet imkissrin. Se jinbidel ukoll id-dawl kif ukoll il-ħadid tal-*fencing.* Is-*Soft Area* ta' ħdejn il-*playing equipment* se jinbidel. Il-Gazebo u l-bankijiet se jiġu miżbugħa wkoll.

## 4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

## 5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI ĦLASIJIET

5.1 Is-SE ippreżenta r-rapporti finanzjarji.

5.2 Il-Kunsill approva (nem com) wara proposta mis-Sindku. Il-lista tal-pagamenti kif anness f'appendiċi B kif ukoll ir-rendikonti tad-dħul u ordnijiet u l-infiq mill-*Petty Cash*. Dawn huma annessi f'appendiċi Ċ, D u E rispettivament.

5.3 Is-SE ippreżenta r-rapport tal-Aġġornament tal-Pjan ta' ħames snin. Dan huwa anness f'appendiċi F rispettivament. Il-Kunsill approva dan ir-rapport (nem com) wara proposta mis-Sindku, issekondata mill-Kunsillier Cuomo

5.4 Is-SE talab lill-Kunsill biex japprova li jingħata l-*Performance Bonus* sħiħ lill-impjegata li rtirat. Il-Kunsill qabel.

## 6. IL-PARTEĊIPAZZJONI FUQ YOU SAFE

6.1 Il-Kunsill kien mistoqsji dwar jekk għandux ikompli jamministra l-grupp fuq Facebook YouSafe Naxxar li oriġinat mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali għal kull lokalità. Is-Sindku nfurmat lil Kunsill li diġa għandu l-paġna ta' *Facebook* b'saħħitha ħafna u bħalissa hemm mas-7000 persuna.

6.2 Is-Sindku ssuġerit li l-Kunsill ma jistax jieħu ħsieb żewġ (2) paġni.

6.3 Il-Kunsill qabel li l-paġna ta' YouSafe Naxxar għandha tieqaf.

## 7. IS-SITWAZZJONI TAL-ARTIJIET FIL-MAGĦTAB GĦALL-LANDFILL

7.1 Is-Sindku rċiviet mingħand l-Assistent Personali tal- Ministru tal-Ambjent il-PR li kienet ħarget. Is-Sindku nfurmat lil Ministru tal-Ambjent lill-Kunsill irid id-dokumentazzjoni fuq il-pjan li għandhom. Is-SE wera *site plan* l-ġdida annessa f'appendiċi Ġ.

7.2 Is-CEO tal-Wasteserv jixtieq jiltaqa' mal-Kunsill. Il-Kunsillier Abela saqsa jekk il-Kunsillieri kollha humiex mistidnien għal din il-laqgħa. Is-Sindku rrispondiet li l-Kunsillieri kollha huma mistidnien għal din il-laqgħa.

7.3 Saru is-17:54 u dan il-ħin il-camera tal-Kunsillier Gaffiero ġiet mixgħula.

7.4 Ir-Reġjun Tramuntana jridu jkunu parti mill-Kumitat Magħtab. Fil-Laqgħa li s-Sindku kellha mar-Reġjun ġie diskuss li jkun aħjar li jgħidu lill-Inġinier sabiex jispjega aktar fid-dettal fuq dan il-proġett. Is-Sindku ġiet ikkuntatjata mis-Sindki tal-Għargħur, ta' San Pawl il-Baħar kif ukoll ta' Swieqi. Dawn urew interess li jkunu parti mill-Kumitat tal-Magħtab flimkien mar-rappreżentanti ta' kull żona inklużi l-bdiewa. Is-Sindku nfurmat sabiex issir data għal laqgħa oħra għal Kumitat Magħtab. Il-Kunsill qabel wara proposta tas-Sindku u ssekondata minn Kunsillier Deguara u l-Kunsillier Abela.

## 8. CCTV MIR-REĠJUN

8.1 Is-Sindku ġiet infurmata rigward is-sitwazzjoni tas-CCTVs. Sal-lum il-manutenzjoni se ssir minn naħa tal-Kunsill, però d-deċiżjoni għada mhux finali. Minn naħa tar-Reġjun din se tiġi diskussa mal-LESA. Il-Kunsillier Gatt issuġerixxa biex il-Kunsill jibgħat imejl ukoll lil LESA. Is-Sindku saqsiet għal suġġeriment fejn se jiġu installati dawn il-*cameras*. Ir-risposta għandha tasal sa għada l-Ħamis 7 ta' Mejju.

## 9. AZZJONI KONTRA N-NUQQAS TAL-KUNTRATTUR TAL-ĠBIR TA' SKART

9.1 Il-Kunsill qed jirċievi diversi lmenti dwar il-kuntrattur tal-ġbir ta' skart. Dawn jinkludu li ma jsegwix il-ħinijiet u li qed iħallat l-iskart. Il-Kuntratt ġie ċċekjat u anke saret komunikazzjoni mal-avukat u ġie stabilit li hemm penali dwar il-kunsill x'jista' jimponi fuq il-kuntrattur.

9.2 Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill jawtorizza lill-Kumitat tal-Finanzi biex jiddeċiedi fuq il-quantum u l-metodu b'mod raġonevoli u jimponi tali penali. Dan se jkun japplika immedjatament fuq pagamenti li ġew approvati llum stess. Għalhekk il-pagamenti se jkunu aġġustati skont id-deċiżjoni tal-Kumitat tal-Finanzi.

9.3 Il-Kunsill qabel wara proposta tas-Sindku ssekondat minn Kunsillieri Abela u Gatt.

## 10. SISTEMI TA' PAGAMENTI ONLINE U PERMEZZ TA' CARDS

10.1 Is-SE ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill li se jsir arranġament ma wieħed mill-banek f'Malta sabiex isiru pagamenti *on-line* kif ukoll wieħed jista' jiġi l-Kunsill u jħallas bil-*card.*

10.2 Il-Kunsill qabel wara proposta mill-Kunsillier Cuomo ssekondat mill-Kunsillier Gatt.

## 11. TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

11.1 Is-SE rringrazzja lil Kunsillieri li qed ikunu preżenti għal laqghat kif ukoll għal laqgħat li saru b'urġenza.

11.2 Il-laqgħa ntemmet fis-18:06.

11.3 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 6 ta' Ġunju fil-17:00.

| | |
|---|---|
| **ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |